

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Vollrath, I. Zalognin u L. Wildpanner, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Dassault systèmes (Vélizy-Villacoublay, Franza) (rappreżentanti: R. Snelders, avukat, u J. Messent, barrister)

Suġġett

Talba abbażi tal-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7006 finali, tad-9 ta' Ottubru 2015, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrenti relattiv għall-ksur tal-Artikolu 102 TFUE allegatament imwettaq minn Dassault systèmes u Parametric Technology Corp. f'ċerti swieq ta' softwer ta' disinn assistit bil-kompjuter kif ukoll f'ċerti swieq tal-informazzjoni fuq l-interfaces għal dan is-softwer (Każ COMP/39846 – Contact vs Dassault & Parametric).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Contact Software GmbH hija kkundannata tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea.
- 3) Dassault systèmes għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 68, 22.2.2016.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Settembru 2017 – RP Technik vs EUIPO – Tecnomarmi (RP ROYAL PALLADIUM)

(Kawża T-768/15) ⁽¹⁾

["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea RP ROYAL PALLADIUM — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea RP — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]

(2017/C 369/13)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: RP Technik GmbH Profilsysteme (Bönen, il-Ġermanja) (rappreżentant: P.-J. Henrichs, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Schifko, aġent)

Parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Tecnomarmi Snc Di Gatto Omar & C. (Treviso, l-Italja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Ottubru 2015 (Każ R 2061/2014-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn RP Technik u Tecnomarmi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) RP Technik GmbH Profilsysteme hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 78, 29.2.2016.